# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2018**

**Numru 8**

**Rikors Numru 237/18TA**

**Femo Bunker Srl, socjeta` registrata Genova, l-Italja, kif rapprezentata lokalment mill-mandatarji specjali taghha l-avukat Dottor Kevin Dingli u l-avukat Dottor Tonio Grech**

**vs**

**Il-Commercial Yacht bl-isem ta' m.y. INDIAN EMPRESS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' l-Avukat Dottor Kevin Dingli u l-Avukat Dottor Tonio Grech fil-kwalita` taghhom ta' mandatarji specjali tas-Socjeta` Attrici presentat fit-13 ta' Marzu, 2018 u mahluf minn Dr. Tonio Grech li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> "Illi l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' mija u tmienja u erbghin elf, mitejn u hamsa u hamsin ewro u tlieta u sebghin

centezmu (EUR 148,255.73), rapprezentanti bilanc dovut rigward prezz ta' bunkers konsenjati fuq il-bastiment intimat.

Illi l-bunkers konsenjati lill-bastiment intimat huma dawk indikati fil-fatturi Dok. A, Dok. B u Dok.C, u kif konfermati fil-bunker delivery notes Dok. D u Dok. E.

Illi l-fatturi Dok. F u Dok. G kienu mahruga mis-socjeta` rikorrenti minhabba dewmien fil-pagament tal-fatturi Dok A, B u C da parti tal-bastiment intimat, u dan skond il-General Terms and Conditions tas-socjeta` rikorrenti hawn annessi u markati Dok. H.

Illi mit-total tal-fatturi kollha, il-bastiment intimat hallas biss sittin elf ewro (Eur 60,000) u ghalhekk mit-total tal-fatturi ta' Eur208,255.73 fadal x'jithallas il-bilanc ta' Eur 148,255,73 skond l-istatement of account mahrug mis-socjeta` rikorrenti hawn anness u markat Dok. I.

Illi l-bastiment intimat minkejja li gie interpellat sabiex ihallas l-ammont minnu dovut baqa' inadempjenti;

Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tar-rikorrenti, il-bastiment intimat m'ghandux ebda eccezzjonijiet x'jissolleva kontra t-talbiet attrici;

Ghaldaqstant, huwa applikabbli ghal dawn il-proceduri d-disposizzjonijiet ghad-dispenza mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Jghid ghalhekk, il-bastiment intimat, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex prevja kwalunkwe dikjarazzjonijiet, ordnijiet u/jew procedura necessarji u opportuni:-

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Proceduri Civili;

2. Tiddikjara lill-bastiment intimat m.y. Indian Empress (Numru IMO 1006245) debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' mija u tmienja u erbghin elf, mitejn u hamsa u hamsin ewro u tlieta u sebghin centezmu (EUR 148,255.73), rapprezentanti ammont dovut rigward bilanc ta' prezz ta' bunkers konsenjati fuq il-bastiment intimat u penali ghad-dewmien fil-pagament tal-fatturi, u konsegwentement

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u tmienja u erbghin elf, mitejn u hamsa u hamsin ewro u tlieta u sebghin centezmu (EUR 148,255.73).

> Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar 'il fuq minn ghaxar metri (kawtelatorju) Numru 1648/17, u bl-interessi kummercjali skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-bastiment intimat li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota tas-Socjeta` Attrici ipprezentata waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2018 illi permezz taghha rriduciet l-ammont tas-somma minnha mitluba;

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2018 illi permezz taghha ammetta t-talbiet tas-Socjeta` Attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba fid-dawl tal-ammissjoni da parte tal-Yacht konvenut kif fuq spjegat;

**Tilqa' t-tieni talba** pero` fl-ammont kif ridott fil-mori tal-kawza u cioe` fl-ammont ta' mija tlieta u erbghin elf sebgha mija hamsa u hamsin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (**€143,755.73**);

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-konvenut u cioe` il-Commercial Yacht bl-isem ta' m.y. INDIAN EMPRESS ihallas lis-Socjeta` Attrici l-ammont ta'

mija tlieta u erbghin elf sebgha mija hamsa u hamsin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (**€143,755.73**) bl-imghaxijiet kummercjali kif mitluba.

**Spejjez** tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**